

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Il-Każ M.7835 — Randstad/Proffice)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)****(2015/C 437/09)**

1. Fit-18 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Randstad Holding N.V. ("Randstad", il-Pajjiżi l-Baxxi) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll tal-impriża Proffice AB kollha kemm hi (publ) ("Proffice", l-Isveja) permezz ta' sejħha pubblika mħabbra fit-30 ta' Novembru 2015.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Randstad: fornitur internazzjonali ta' servizzi ta' impieg temporanju, servizzi ta' tqegħid fix-xogħol permanenti u servizzi oħra marbuta mar-riżorsi umani.
- Proffice: fornitur ta' servizzi ta' impieg temporanju, servizzi ta' tqegħid fix-xogħol permanenti u servizzi oħra marbuta mar-riżorsi umani fid-Danimarka, il-Finlandja, l-Isvezja u n-Norveġja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 139/2004<sup>(2)</sup> tal-Kunsill, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintabgħtu lill-Kummissjoni permezz tal-fax (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permez tal-posta, bin-numru tar-referenza M.7835 — Randstad/Proffice, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.